

Brussell, 28 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0204(COD)

---

---

14599/19  
ADD 2

JUSTCIV 228  
EJUSTICE 154  
COMER 151  
CODEC 1694

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Nru dok. Cion: 9622/18

---

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti)

- Approċċ ġenerali
- = Dikjarazzjoni

---

**Dikjarazzjoni mill-Estonja, l-Irlanda u l-Portugall għall-minuti tal-COREPER u l-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni rigward ir-REGOLAMENT dwar in-Notifika ta' Dokumenti f'materji ċivili jew kummerċjali**

Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' dan ir-Regolament huwa li jkompli jtejjeb l-effiċjenza u l-ħeffa tal-proċedimenti ġudizzjarji, b'mod li jżomm jew itejjeb il-livell eżistenti ta' aċċess għall-ġustizzja u l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża fi proċedimenti transkonfinali, u li jnaqqas il-piżijiet għaċċittadini u n-negozji involuti fi proċedimenti transkonfinali li jirriżultaw minn spejjeż u dewmien bla bżonn. Dan jista' jinkiseb permezz ta' użu aħjar tal-iżviluppi tekniċi u l-mezzi elettroniċi għan-notifika ta' dokumenti proċedurali f'materji ċivili u kummerċjali.

Il-firmatarji jilqgħu l-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni u t-test ta' kompromess tal-Presidenza Finlandiża. Hemm ħafna aspetti fit-test ta' kompromess li l-firmatarji jistgħu jkunu sodisfatti ħafna bihom.

Madankollu, l-Artikolu 14a(2), li jippermetti li Stat Membru jindika l-kondizzjonijiet li taħthom huwa ser jaċċetta n-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji lil persuni b'indirizz fit-territorju tiegħu permezz tal-posta elettronika, iħalli lill-Istati Membri b'possibbiltà kbira li ma jaċċettawx notifika bil-posta elettronika fit-territorju tagħhom. Ma hemm l-ebda limitazzjoni prevista għall-kondizzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jindikaw, u b'hekk ikun possibbli li ssir oġġezzjoni għaliha bħala tali. Sabiex jiġi segwit l-objettiv ewlieni tar-Regolament huwa wkoll vitali li jiġi segwit il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni - l-Istati Membri li jaċċettaw il-posta elettronika bħala metodu validu ta' notifika domestikament għandhom jaċċettawha f'każijiet transkonfinali wkoll. Jekk ma jiġix irrispettat il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, l-objettiv ewlieni tar-Regolament jiġi pperikolat.

Il-firmatarji jiddispjaċihom li ma kienx hemm biżżejjed żmien biex jitqies l-impatt ta' din l-oġġezzjoni fuq il-proċedimenti ġudizzjarji u fuq id-drittijiet tal-partijiet qabel l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali. Aħna nemmnu li huwa essenzjali li tinstab soluzzjoni aħjar fit-trilogi li ġejjin mal-Parlament Ewropew, li tkun tista' tilħaq aħjar l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni.